MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 847/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Jean Paul Mamo (K.I. 18087M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' €810.10 liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle* Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 427215 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat- 2 ta' Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 25 ta' Settembru, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u ghaxar ewro u ghaxar centezmi (€810.10) u dan bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat- 2 ta' Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------